**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Busuttil**

**Vs**

**Clint Galea**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clint Galea iben Emanuel u Maria nee' Mazzitelli mwieled fid-9 ta' Ottubru 1987 gewwa tal-Pieta'. Residenti Blk G2, Flat 1, Housing estate, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 505087M;

Talli nhar it-3 ta' Mejju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Marica Galea ID: 391389M li hija l-partner tieghu u li flimkien ghandhom tlitt itfal;

2) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Marica galea ID: 391389M li hija l-partner tieghu u li flimkien ghandhom tlitt itfal, il-biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta’ Kap 9;

3) Aktart talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm, garr, uza, akkwista ghalih innifsu jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh minghajr licenzja tal-awtorita kompetenti;

4) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt kontra l-persuna ta’ Marica Galea ID: 391389M li hija l-partner tieghu u li flimkien ghandhom tlitt itfal; sabiex tingurja, iddejaq jew taghmel hsara lil din il-persuna;

5) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’lok pubbliku kien jinstab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, hlief ghat-tielet akkuza, fis-26 ta’ Mejju 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Semghet lill-parti leza taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar piena, u dwar il-htiega ta' protezzjoni skond il-ligi;

Rat il-fedina penal ital-imputat;

Rat id-diversi rapport tal-okkorrenza esebit fl-atti;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 202 (h)(iv), 207, 251B(1), 338(ff), 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u ghalhekk tilliberah minnha;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi l-ohra kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ai termini tal- Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Art 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, favur il-parti leza Marica Galea.

Tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' trattament ai termini tal-Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, dwar il-problema ta' mgieba aggressiva fil-konfront ta' terzi.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**